

Brussell, 4 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

12562/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0229 (NLE)

ACP 102
WTO 175
COAFR 230
RELEX 1207
AGRI 449

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjali dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-Kummerċ tal-Inbejjed u l-Ispirti stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Istati tal-SADC aderenti mal-FSE, min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Speċjali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjali
dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-Kummerċ tal-Inbejjed u l-Ispirti
stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Istati tal-SADC aderenti mal-FSE,
min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Speċjali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-SADC aderenti mal-FSE, min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim") ġie ffirmat mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fl-10 ta' Ġunju 2016. Huwa japplika b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Botswana, l-Eswatini, il-Lesoto, in-Namibja u l-Afrika t'Isfel min-naħa l-oħra, mill-10 ta' Ottubru 2016, u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Mozambique, min-naħa l-oħra, mill-4 ta' Frar 2018.
- (2) Il-Kumitat Speċjali dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-Kummerċ tal-Inbejjed u l-Ispirti ("il-Kumitat Speċjali") ġie stabbilit permezz tal-Ftehim.
- (3) Skont il-Ftehim, il-Kumitat Speċjali għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjali, peress li d-deċiżjoni dwar l-adozzjonitar-regoli ta' proċedura tiegħu se jkollha effetti ġuridiċi fuq l-Unjoni.

¹ ĠU L 250, 16.9.2016, p. 3.

- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjali fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni ta' dak il-Kumitat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjali dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-Kummerċ fl-Inbejjed u l-Ispirti, stabbilit permezz tal-Artikolu 13 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-SADC aderenti għall-FSE, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni ta' dak il-Kumitat mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
